Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,658, 6 ta' Lulju, 2021

Taqsima B

A.L. 282 tal-2021

ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA (KAP. 545)

ATT DWAR IL-ĠESTJONI TAL-FINANZI PUBBLIĊI (KAP. 601)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Regoli għall-Offerti Kompetittivi għal Sorsi ta' Enerġija li jiġġeddu minn Stallazzjonijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mogħtija bl-artikolu 37 tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma u bl-artikolu 4 tal-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi, il-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, wara konsultazzjoni mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, u il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Regoli għall-Offerti Kompetittivi għal Sorsi ta' Enerġija li jiġġeddu minn Stallazzjonijiet, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Regoli għall-Offerti Kompetittivi għal Sorsi ta' Enerġija li jiġġeddu minn Stallazzjonijiet, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 545.31.

Jissostitwixxi r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar Regoli għall-Offerti Kompetittivi minn Stallazzjonijiet ta' Sorsi ta' Enerġija li Jiġġeddu.".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat b'dan li ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu, għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Kemm-il darba ma jiġix stabbilit xort'oħra f'dawn ir-regolamenti, it-tifsiriet fl-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi għandhom japplikaw.";

Kap. 601.

(b) minnufih wara t-tifsira "elettriku minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu" tiegħu, għandha tiġi miżjuda din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "forza maġġuri" tfisser atti tan-natura, strajkijiet, *lock-outs* jew disturbi industrijali oħra, atti ta' għadu pubbliku, gwerer kemm jekk dikjarati kif ukoll jekk mhumiex, imblokki, insurrezzjoni, rewwixti, pandemiji, valangi, terremoti, maltempati, ilqit dirett minn sajjetti, għargħar, xita qalila w kontinwa, diżordni pubbliku, splużjonijiet u ġrajjiet oħra simili li ma jistgħux jiġu previsti, li bl-eżerċizzju ta' kull diliġenza dovuta ma jistgħux jingħelbu u li, fil-fehma tal-Awtorità Kontraenti, ma jħallux lill-offerent rebbieħ iwettaq l-obbligi tiegħu minħabba kawżi li huma lil hinn mill-kontroll raġonevoli tiegħu;";

(ċ) t-tifsira "kW" tiegħu, għandha tiġi sostitwita b'din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "kW" tfisser kiloWatt u fil-kuntest ta' dawn ir-regolamenti għandha tirreferi għall-kapaċità nominali tal-istallazzjoni tal-enerġija li tiġġedded, li fil-każ ta' stallazzjoni fotovoltajka tax-xemx tkun ugwali għall-qawwa massima DC totali tal-istallazzjoni;";

(d) it-tifsira "KWp" tiegħu, għandha tiġi mħassra;

(e) it-tifsira "proċess ta' offerti kompetittiv" tiegħu, għandha tiġi sostitwita b'din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "proċess ta' offerti kompetittiv" tfisser proċess ta' offerti mhux diskriminatorju li jipprovdi għall-parteċipazzjoni ta' għadd suffiċjenti ta' impriżi fejn is-sapport jingħata fuq il-bażi tal-offerta sottomessa mill-offerent. Barra minn dan, il-volum relatat mal-proċess tal-offerti għandu jkun restrizzjoni li torbot li twassal għal sitwazzjoni fejn mhux l-offerenti kollha jistgħu jirċievu sapport;";

(f) it-tifsira "punt komuni ta' konnessjoni mal-grilja" tiegħu, għandha tiġi mħassra;

(g) it-tifsira "sigħat ta' *load* sħiħa" tiegħu, għandha tiġi sostitwita b'din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "sigħat ta' *load* sħiħa" tfisser l-għadd ekwivalenti

ta’ sigħat f’sena kalendarja li matulhom stallazzjoni ta’ enerġija li tiġġedded tipproduċi l-kapaċità nominali jew ta’ kW sħiħa tagħha;";

(h) it-tifsira "sorsi ta’ enerġija li jiġġeddu" tiegħu, għandha tiġi sostitwita b’din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "sorsi ta’ enerġija li jiġġeddu" tfisser sorsi ta’ enerġija li jiġġeddu li mhumiex fossili, jiġifieri r-riħ, ix-xemx (enerġija termika u fotovoltajka), l-enerġija ġeotermika, l-enerġija ambjentali, l-enerġija mill-marea, mill-mewġ u enerġija oħra oċeanika, l-idroenerġija, il-bijomassa, il-gass mill-miżbliet, il-gass mill-impjanti li jittrattaw id-drenaġġ u l-bijogass;";

(i) fit-tifsira "stallazzjoni approvata ta’ enerġija li tiġġedded" tiegħu, il-kliem "b’kapaċità ta’ 1000kWp" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "b’kapaċità ta’ 1000kW"; u

(j) fit-tifsira "stallazzjoni eliġibbli ta’ enerġija li tiġġedded" tiegħu, il-kliem "b’kapaċità ta’ 1000kWp" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "b’kapaċità ta’ 1000kW".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (1) tar-regolament 3, il-kliem "Għall-fini tal-kalkolu tal-kapaċità ta' installazzjoni ta' enerġija li tiġġedded, l-stallazzjonijiet ta’ enerġija li tiġġedded li jkollhom punt komuni ta’ konnessjoni mal-grilja tal-elettriku għandhom jitqiesu bħala stallazzjoni waħda." għandhom jiġu mħassra.

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi emendat b’dan li ġej:

(a) is-subregolament (4) tiegħu, għandu jiġi sostitwit b’dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Il-prezz ta’ offerta mogħti għal kull kWh għandu jkun applikabbli biss għal offerent rebbieħ u biss fir-rigward tal-istallazzjoni ta’ enerġija li tiġġedded kif deskritta fl-offerta inkluż il-kapaċità preżentata fl-offerta (f’kW), bħala parti mill-proċess ta’ offerti kompetittiv biss. Il-kapaċità assoċjata mal-prezz ta’ offerta għandha titqies li tkun ugwali għal:

$$\frac{\text{kW preżentati x sigħat ta' } \textit{load} \text{ sħiħa}}{1600}$$"; u

(b) fis-subregolament (6) tiegħu, il-kliem "bħal kWp offerti x sigħat ta’ *load* sħiħa:" għandhom jiġu sostitwiti bil

kliem "bħala kW preżentati x sigħat ta' *load* sħiħa:".

Jissostitwixxi r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"7. (1) Stallazzjoni approvata ta' enerġija li tiġġedded għandha tiġi kompletament ikkummissjonata hekk kif deskritta fl-offerta, inkluż il-kapaċità offruta fl-offerta, u applikazzjoni biex tiġi konnessa l-istallazzjoni mas-sistema ta' distribuzzjoni għandha tiġi sottomessa lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni fi żmien tmintax(18)-il xahar li għandhom jiġu magħduda mid-data tal-ittra tal-għotja maħruġa mill-Awtorità Kontraenti lill-offerent rebbieħ biex jiġi żgurat l-eliġibbiltà tal-prezz ta' offerta mogħti għal kull kWh.

(2) Jekk l-offerent rebbieħ jonqos milli jikkonforma mas-subregolament (1), iż-żmien biex jikkummissjona u japplika biex l-imsemmija istallazzjoni kompletament ikkummissjonata approvata ta' enerġija li tiġġedded tiġi konnessa mas-sistema ta' distribuzzjoni kif meħtieġ mis-subregolament (1) jista' jiġi estiż għal żmien ta' sitt (6) xhur darba biss permezz ta' talba bil-miktub lill-Awtorità Kontraenti, liema talba għandha tkun magħmula fil-forma meħtieġa mill-Awtorità Kontraenti:

Iżda li, jekk isir użu minn estensjoni, il-prezz li għandu jitħallas lill-offerent rebbieħ għall-elettriku ġġenerat u mibjugħ lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni minn dik l-istallazzjoni partikolari approvata ta' enerġija li tiġġedded għandu jkun ekwivalenti għall-prezz tal-offerta mogħti għal kull kWh, b'€0.005/kWh inqas għall-elettriku kollu ġġenerat u mibjugħ lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni sal-ammont stabbilit fir-regolament 5(6) għall-perjodu garantit.

(3) It-talba bil-miktub għal estensjoni lill-Awtorità Kontraenti imsemmija fis-subregolament (2) għandha tasal għand l-Awtorità Kontraenti mhux aktar tard minn xahar (1) qabel ma tgħaddi l-iskadenza ta' tmintax (18)-il xahar indikata fis-subregolament (1):

Iżda li, jekk tintalab estensjoni u l-estensjoni ma tintużax, it-tnaqqis fil-prezz tal-offerta stabbilit fil-proviso għas-subregolament (2) ma għandux japplika.

(4) Iż-żmien meħtieġ għall-offerent rebbieħ biex jikseb l-awtorizzazzjonijiet, il-liċenzji u l-permessi neċessarji, kif applikabbli, ma għandux jissospendi d-dekors tal-perjodu ta' żmien stabbilit fis-subregolamenti (1) u (2) billi dan ikun iż-

żmien massimu li fih l-installazzjoni approvata ta' enerġija li tiġġedded għandha tkun kompletament ikkummissjonata u talba għall-konnessjoni tal-installazzjoni mas-sistema tad-distribuzzjoni għandha tiġi sottomessa lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, biex l-għotja skont il-proċess ta' offerti kompetittiv jibqa' validu. In-nuqqas ta' konformità mas-subregolamenti (1) u (2),meta tkun saret talba għal estensjoni, għandu jwassal għall-irtirar awtomatiku tal-għotja u l-konfiska tal-bond tal-prestazzjoni:

Iżda li, f'każ verifikat ta' forza maġġuri dan jista' jiġi mqajjem mill-offerent rebbieħ, skont id-disposizzjonijiet relatati miegħu li jkunu jinsabu fl-istedina għall-offerti tal-proċess ta' offerti kompetittiv relevanti, sabiex issir talba li jiġu sospiżi l-perjodi ta' żmien stabbiliti fis-subregolamenti (1) u (2), liema talba tista' tiġi milqugħa fid-diskrezzjoni tal-Awtorità Kontraenti.".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

7. Fir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "f'kWp" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "f'kW".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

8. Is-subregolament (1) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(1) L-offerent rebbieħ għandu jkun meħtieġ li jipprovdi bond ta' prestazzjoni li tinħareġ favur l-Awtorità Kontraenti. Il-valur tal-bond ta' prestazzjoni u d-data tal-iskadenza għall-preżentazzjoni tagħha għandhom ikunu inklużi fl-istedina għall-offerti tal-proċess ta' offerti kompetittiv relevanti.".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

9. Fir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "Il-prezz ta' offerta għal kull kWh u l-kapaċità f'kWp eliġibbli korrispondenti mal-istallazzjoni ta' enerġija li tiġġedded għandhom jintgħażlu skont il-proċess ta' offerti kompetittiv, li jibdew mill-offerta l-aktar baxxa offruta u sakemm il-kWp disponibbli għall-allokazzjoni fil-proċess ta' offerti kompetittiv partikolari ma tiġix maqbuża." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Il-prezz ta' offerta għal kull kWh u l-kapaċità f'kW eliġibbli korrispondenti mal-istallazzjoni ta' enerġija li tiġġedded għandhom jintgħażlu skont il-proċess ta' offerti kompetittiv, li jibdew mill-offerta l-aktar baxxa ppreżentata u sakemm il-kW disponibbli għall-allokazzjoni fil-proċess ta' offerti kompetittiv partikolari ma tiġix eċċeduta.".

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

10. Fir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "f'kWp" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "f'kW".

Jemenda r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.

11. Fis-subregolament (1) tar-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "L-offerent rebbieħ għandu jkun responsabbli sabiex jikseb il-permessi rilevanti, l-awtorizzazzjonijiet u l-liċenzi skont l-iskadenzi meħtieġa fir-regolament 7." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Ħlief għal kwalunkwe permessi li jistgħu jkunu meħtieġa mid-dispożizzjonijiet tar-regolament 18, l-offerent rebbieħ għandu jkun responsabbli sabiex jikseb kwalunkwe permessi relevanti, l-awtorizzazzjonijiet u l-liċenzji skont l-iskadenzi meħtieġa fir-regolament 7.".

Jemenda r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

12. Fis-subregolament (2) tar-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali, il-kelma "kWp" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "kW".

Jemenda r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

13. Fir-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "b'kapaċità ta' 1000kWp" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "b'kapaċità ta' 1000kW".